# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Marzu, 2001.**

**Numru 20**

**Citaz. Nru. 325/01GV**

**CR Limited**

**vs**

**TMT Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, mija u hames liri Maltin (Lm1,105) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi lilha rezi u mhux imhallsa kif jidher minn 'statement' hawn anness u mmarkat Dokument A;

Premess illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas, u dan anke permezz ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Marzu, 2000, izda baqghet inadempjenti;

Premess illi l-ammont dovut huwa veru, likwidu u skadut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, s-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra t-talbiet attrici;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddecidi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-artikolu 167 *et seq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u hames liri Maltin (Lm1,105) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ servizzi lilha rezi u mhux imhallsa;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta’ Marzu, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjes kontra s-socjeta’ konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**